MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Numru. 434/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Romina Veneziani)**

**Vs**

**George Edward Spiteri**

**George Edward Spiteri bin Daniel u Michelina nee` Duca mwieled 24 ta' Awissu, 1955, residenti "Iretius", Ghaxaq By Pass, Ghaxaq, detentur tal-Karta ta' l-Identita` Numru 609855 (M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputatzzjoni migjuba kontra George Edward Spiteri u cioe` talli nhar il-15 ta' Novembru, 2005, ghall-habta tas-7.00pm gewwa r-residenza 164, Flat 15, Triq it-Torri, Sliema, 1) ingurja u hedded lil Susan Spiteri 2) kif ukoll

hebb ghal persuna ta’ Susan Spiteri, 3) u aktar ikkaguna fertit ta’ natura gravi hekk kif iccertifika Dr. A. Abdilla c/o Casualty Dep. SLH.

Semghet il-provi;

Semghet illi l-parti leza irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fejn din hija rinunzjabbli u iddikkjarat li mhix behsiebha tixhed f’dawn il-proceduri fil-konfront ta’ zewgha l-imputat.

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi l-unici provi imressqa mill-Prosekuzzjoni jikkonsistu f’zewg certifikati medici irrilaxxjati mit-Tabiba Dr. Alison Abdilla u okkorrenza dokumenti GS1, GS2, GS3. Illi dawn ic-certifikati medici ghalkemm saru mill-istess tabib fi zmien kwarta huma kontradittorji ghaliex filwaqt illi fl-ewwel certifikat mediku n-natura tal-griehi giet deskritta bhala “hafifa”, fit- tieni certifikat li sar kwarta wara dawn saru ta’ “natura gravi”.

Illi d-dokument GS3 huwa biss rapport li sar mis-Sinjura Spiteri dwar l-incident u ma jidhirx illi l-pulizija li had ir-rapport kienu prezenti

Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli 339(d)uu (e) , 214, 215 u 216 tal-Kodici Kriminali, fid-dawl tal-provi prodotti u fid-dawl tar-rinunzja tal-parte leza qeghda tiddikjara l-proceduri ezawriti ghar-rigward ta’ l-ewwel u t-tieni imputazzjoni u qeghda tillibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni fuq konflitt fil-provi.

Edwina Grima
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------